# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat**
**Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 121/00***

***Pulizija***
***Sp. Sandro Gatt***
***v***
***Glenn Busuttil 1***

Illum 18 ta' Frar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputata huma bazati fuq is-segwenti reati – *referibbilment ghall-**1 ta' Jannar 2000 u matul l-ahhar sentejn***:

**Traffikar** tad-droga eroina; u

**Pussess Illegali aggravat** bl-intenzjoni u bid-distanza, tal-istess droga;

***Kwadru tal-fatti***

Illi fuq informazzjoni anonima li rceviet il-pulizija fl-1 ta'Jannar 2000 li kienet fis-sens li f' post indikat kien hemm kwantita' ta' droga eroina, il-pulizija marret f' dan

il-post fejn sabu lill-imputat. Minn tficcija li saret f' din ir-residenza instabu u gew elevati s-segwenti oggetti: mizien, mobile phone, qartas u borza tal-plastic li kien fiha tlieta u hamsin pakkett kontenenti sustanza suspettata eroina. Din il-borza kienet instabet imdendla mal-linja tal-inxir u kienet mghottija b' gakketta.

***<u>Droga</u>***

Illi mill-relazzjoni forensika rrizulta li s-sustanza li nstabet **fit-tlieta u hamsin (53) pakkett** li kienu fil-borza, kienet eroina f' ammont nett totali ta' 6.652 grammi.(<u>vide</u> dok.MM u ritratti formanti parti mid-dokument AG).

***<u>L-imputat</u>***

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija l-imputat kkoopera mal-pulizija u ammetta ghall-attivita' kriminuza kemm ta' abbuz tad-droga bil-konsum, kif ukoll Traffikar. Huwa spjega li kellu jieqaf mix-xoghol minhabba l-problema li kellu tad-droga, stante li ma kienx jiflah ghax-xoghol. Kien pprova jghamel programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga, izda mohhu baqa' jehewden fuqha u rega' waqa'.

Fil-perijodu inkriminat huwa la kien jahdem u lanqas jirregistra ghax-xoghol. L-imputat spjega li huwa kien jikkonsuma hafna eroina kuljum.

Rigward il-borza tal-plastic misjuba mill-pulizija u kontenenti numru kbir ta' qratas bl-eroina, l-imputat spjega li dawn l-oggetti, kif ukoll l-oggetti fuq indikati, kienu tieghu. Huwa stqarr li dak in-nhar stess kien xtara, minghand persuna li ma riedx jidentifika bl-isem, ghaxar (10) grammi eroina ghall-prezz ta' LM250. Huwa qal li *"biex inzomm il-vizzju inbigh xi qratas droga eroina."* Qal wkoll li kien bigh kull ma kellu inkluza l-playstation u t-television sabiex ikun jista''jixtri d-droga. Il-modus operandi tieghu kien li min irid jixtri minghandu kien icempillu fuq il-mobile phone tieghu u jiftehmu fejn kellhom jitaqghu biex issir it-transazzjoni.

L-imputat ammetta li dik id-droga li kien xtara kien qassamha f' pakketti. Huwa kien ser jiehu minn dawn il-pakketti u kien ser ibigh minnhom ukoll. *"Jien mill-bejgh tad-droga inzomm il-flus biex nerga nixtri."*

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Mill-premess jirrizultaw ampjament ir-reati ta' **Traffikar** tad-droga eroina; kif ukoll ir-reat ta' **Pussess Illegali** tal-istess droga ***aggravat, kemm bl-intenzjoni, kif ukoll bl-aggravju tad-distanza*** (vide verbal mghamul fl-udjenza tal-14 ta' Settembru 2000 fejn il-partijet qabbluli l-post fejn instabet id-droga huwa sitwat f' distanza ta' mitt metru minn skola)

***Akkuza A*** – In propositu ghal din l-akkuza bazata fuq ir-reat ta' Traffikar tad-droga eroina, il-Qorti tosserva li dina ma tistax tissussisti stante li, ghalkemm l-imputat ammetta li kien jittraffika d-droga – biex izomm il-vizzju tieghu – <u>minn imkien ma rrizulta li din l-attivita' kriminuza kienet sehhet fil-perijodu inkriminat</u>.

L-elementi ta' prova f' dan ir-rigward huma s-segwenti: Fuq mistoqsija waqt l-interrogatorju l-imputat irrisponda hekk: *"Jien biex inzomm il-vizzju inbigh xi qartas droga eroina".* Fuq mistoqsija ulterjuri minn fejn l-imputat kien gab il-flus biex xtara id-droga, dana rrisponda hekk: *"Jiena kelli affarijiet bhala play station u television u bieght kollox. Dawn beghthom xi xahar ilu. Jien mill-bejgh tad-droga inzomm il-flus biex nerga nixtri".*

Minn imkien ma rrizulta li l-beigh tad-droga kien sar il-perijodu inkriminat. Il-Qorti tosserva in vena legali li, ghalkemm huwa minnu li ammissjoni volontarja da parti tal-imputat ghandha prova probatorja qawwija tant li fil-kam penali hija meqjusa bhala r-regina tal-provi, minn naha l-ohra din trid tkun **cara u univoca** fis-sens li ma tistax tigi interpretata b' mod differenti. M' ghandhiex tfisser zewg affarijiet fl-istess hin.

Fil-fehma tal-Qorti, l-ammissjoni tal-imputat li huw kien ibigh id-droga minghajr ma hemm specifikat il-kwalifika taz-zmien tista' tfisser zewg affarijiet: jew li kien ibigh id-droga <u>qabel</u> il-perijodu inkriminat, jew kien ibighha <u>wara</u>. Dan id-dubbju huwa wiehed ragjonevoli u per legge ghandu jmur favur l-imputat.

In konkluzjoni fuq dan il-punt il-Qorti hija tal-fehma li l-fatti dedotti fl-ewwel akkuza ma gewx sodisfacentement provati skond il-ligi, u ghaldaqstant ma tistax treggi.

***Akkuzi B u C*** – Illi dawn huma bazati fuq ir-reat ta' Pussess Illegali aggravat bl-intenzjoni u bid-distanza. Dan ir-reat gie ampjament provat u gie provat wkoll li gie kommess fil-perijodu inkriminat. Ghaldaqstant dawn l-akkuzi jissussistu.

***<u>Piena</u>***

In propositu ghal piena il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz jesistu s-segwenti fatturi mitiganti l-piena:

1. Il-**fedina penali netta** tal-imputat;
2. Id-**dependenza qawwija** tal-imputat fuq id-droga li minnha originat l-attivita' kriminuza in disamina;

3. Il-**kooperazzjoni** li huwa wera mal-pulizija rigward attivita' kriminuza kondotta minnu; minn naha l-ohra pero' il-Qorti tosserva li l-kooperazzjoni ma gietx estiza sabiex tkopri l-identita' tal-fornitur tieghu tad-droga, u ghalhekk l-imputat ma jistax jibbenefika minn diminuzzjoni fil-piena skond l-Artikolu 29 tal-Kap.101

4. Ir-**rapport tal-ufficjal tal-probation** minn fejn jirrizultaw certu fatturi piuttost inkwetanti. Mill-intervista li saret mal-Konsulent Psikjatra Dr.Joseph Spiteri rrizulta li l-imputat beda **jinjetta ruhu bl-eroina minn meta kellu 15 il-sena** u ilu b' dan il-vizzju tmien snin. <u>Qabel</u> kien jabbuza mid-droga mod iehor. L-istess konsulent osserva li l-imputat m' ghandux diffikultajiet ta' natura mentali.

Il-konkluzjoni ta' din il-Qorti dwar dan l-aspett hu li l-imputat li ghandha quddiemha huwa kaz klassiku ta' tifel, minghajr disturbi mentali li <u>f' eta' tenera waqa' vittma</u> ghall-vizzju tad-droga u ghal zmien twil sar dipendenti fuq l-eroina – u ma setghex jaqta' dan il-vizzju – bir-rizultat li beda jinnegozja fid-droga **<u>unikament</u>** biex isostni l-vizzju tieghu. Dan huwa fatt inkwetanti u ghandu effett mitigatorju, izda dan l-effett huwa limitat ghar-raguni li ser tigi spjegata aktar il-quddiem f' dan il-gudizzju.

Kkunsidrati l-fatturi mitiganti fuq esposti, il-Qorti li mill-banda l-ohra ma tistax tinjora l-**gravita' tar-reat** in disamina, dovut ghall-hsara li t-tixrid tad-droga tikkaguna lill-membri, zghar u kbar, tas-socjeta'.

Barra minn hekk, ghalkemm l-origini tal-attivita' kriminuza tinsab fid-dipendenza tieghu fuq id-droga, il-Qorti tosserva li dan il-fatt **ma jiggustifikax li l-imputat jinnegozja fid-droga sabiex jsostni l-vizzju tieghu**. F' dawn ic-cirkostanzi l-imputat kellu jirrikorri ghand wahda mill-agenzji li jesistu sabiex jghinu lill-vittmi tad-droga, u jkun **persistenti u motivat tajjeb** fil-kura li dawn l-agenzji jghatuh. Jekk l-imputat ma ghazilx din it-triq, izda ghazel it-triq li wasslitu ghall-kommissjoni ta' reati bhal dak in disamina, allura huwa ghandu jirrispondi ghal dak li jkun ghamel u **l-Qorti hija fid-dover** **li tipproteggi lis-socjeta'** minn dawn it-tip ta' reati billi timponi piena karcerarja li ghandha sservi bhala **deterrent adegwat u effettiv**- kemm fuq livell individwali kif ukoll fuq livell generali.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi ssib lill-imputat hati tal-akkuza **B** bl-aggravju kontemplat fl-akkuza **C** u, wara li rat ir-regolament 8 tal-GN 292/39 u l-Artikolu 22 (2)(b)(I) tal-Kap.101, tikkundannah ghal ***piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn u multa ta' elfejn u hames mitt lira maltin (LM2,500)***

Inoltre tordna l-konfiska tal-mobile phone u tal-mizien ezebiti f' dawn l-atti, stante li rrizulta provat li dawn l-oggetti gew uzati fil-kommissjoni ta' reati.

Ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza **A** u tilliberah minnha.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat ghal dan l-iskop.

***Dr. Noel Cuschieri***
***Magistrat***